MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 670/2002

**Gerry Vella**

**Vs**

**Rennie Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi dikjarat illi l-istess konvenut hu unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tas-16 ta' Frar 1992 gewwa Triq Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq bejn il-karozza tal-linja bin-numru FBY 796 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Seat Ibiza bin-numru GTI 111 li hi propjeta' tal-attur u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur.

Illi din l-Onorabbli Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' erbat elef tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm4,357) kif jirrizulta mill-fatturi u stimi hawn annessi u

mmarkati bhal Dok A, jew somma verjuri illi tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

Jigi ikkundannat ihallas ill-attur is-somma ta' erbat elef tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm4,357) rapprezentanti d-danni mill-konvenut kawzati, jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 a fol 4 tal-atti u markat Dok A.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. L-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort tal-eccipjent izda gara htija tal-attur innifsu.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-provi ta' l-attur dwar id-danni m'ghandhomx ikunu limitati ghad-Dok A esebit izda ghandhom ikunu spjegati u konfermati bil-gurament.
3. Ma hemmx lok ghall-kundanna ta' l-eccipjent ghall-hlas ta' danni lill-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami kien jinvolvi zewg vetturi ossija karozza numru GTI 111 misjuqa mit-tifel tal-attur u "char-a-banc" numru FBY 796 misjuqa mill-konvenut. PS 249 Angelo Curmi (Fol 26 et seq ibid) li investiga l-istess kaz, esebixxa kopja tar-rapport u skizz maghmulin minnu stess, waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Mill-imsemmi skizz, jista jigi kostatat illi l-konvenut kien hiereg minn Triq

il-Hareb fejn hemm is-sinjal ta' stop sabiex jdur lejn il-lemin waqt li t-tifel tal-attur kien qieghed jsuq fuq it-triq principali. Dwar l-ahhar vettura, jigi notat li, warajha, l-istess xhud kien kejjel marki ta' brakes twal disgha u tletin metru (39m). In rigward ir-rapport, fih hemm verbalizzat dak li stqarrew mal-istess xhud, iz-zewg sewwieqa involuti. Difatti, Roderick Vella, it-tifel tal-attur kien stqarr illi kien qed jsuq fit-triq principali, Dawret Hal Ghaxaq fid-direzzjoni tal-Gudja meta "char-a banc" harget minn Triq il-Hareb ghal go l-istess triq principali u meta ra hekk, hu ghafas il-pedala tal-brake u 'swerved to my right but the bus exceeded speed" u kompla hiereg, b'hekk saret il-kollisjoni. In rigward il-konvenut, dan da parti tieghu, kien stqarr, illi kien hiereg mill-imsemmija triq laterali sabiex jdur lejn Bir-id-Deheb. Qabel ma hareg, hu qal li kien waqaf fuq is-sinjal ta' stop u hemm kien ra l-vettura l-ohra qed tavvicina. Hawnhekk hu qal illi "I realised the car was far enough for me to cross" izda saret il-habta.

Illi meta xehed l-istess Roderick Vella (Fol 36 et seq ibid), hu semma li kien qed jsuq "… b'xi velocita' ta' sittin (60) pero ma nistax nghid jekk hux kilometru jew mili fis-siegha" ossija "kont ghaddej naqra". Hu ra fuq ix-xellug tieghu, "char-a-banc" "….wieqaf fuq stop sign" waqt li quddiemu kien hemm vettura ohra f'distanza ta' ".. ftit ta' tul, nikkalkola probabilment erba (4) xarabanks". Din il-vettura ghaddiet minn quddiemu fejn kien wieqaf l-istess "char-a-banc" izda x'hin ix-xhud wasal vicin is-sinjal ta' stop "… tax-xarabank harigli" u hu ghafas il-pedala tal-brake meta ra hekk u meta kien boghod "… madwar disgha u tletin (39) metri". Pero, jigi notat, ukoll, illi meta kien gie mistoqsi jekk kienx sittin (60) metru boghod meta ra l-istess "char-abanc" hiereg, hu, finalment, qal li "…. Ma nistax nirrispondi ghax ma nafx". Inoltre l-habta kienet saret meta ix-'char-abanc" kienet ghada ".. fuq in-naha tieghu tat-triq" u mal-habta dan "… baqa' jmexxini' (lejn il-lemin).

Illi l-konvenut (fol 41 et seq ibid) xehed illi meta kien wieqaf fuq l-stess sinjal msemmi, hu ra "… illi l-vettura l-ohra kienet ghadha l-boghod" hafna fuq il-lemin tieghu. Meta ra hekk hu hareg fuq it-triq principali. Kif kien diehel

fil-karreggjata ossija “lane” tieghu fuq it-triq principali, hu sema’ l-hoss ta’ brake qawwi ossija “twil hafna’ u “Kif dhalt fil-lane tieghi (ghal kollox ) pero …. ftit angolat gara l-incident” (ara ukoll ir-ritratti esebiti mill-istess konvenut a fol 44 ibid).

Fl-ahhar nett tax-xhieda tieghu, in riesami, hu semma illi “Meta jiena smajt il-brake …, jiena waqqaft il-bus fis-sens illi jiena ghafast il-brake”.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, minn dawn jirrisulta illi:-

a) It-tul tal-marki ta’ brakes li jidhru fuq l-iskizz wara l-vettura misjuqa minn Roderick Vella, huma prova cara ta’ velocita qawwija fis-sewqan da parti tieghu, liema fatt jista’ jidher ukoll mix-xhieda tal-istess Roderick Vella.
b) L-istess sinjali ta’ brakes huma dritti minghajr ma jduru lejn il-lemin. Dan jindika illi l-habta kienet saret fuq in-naha tax-xellug tat-triq principali cjoe fuq il-karreggjata li fiha kien qed jsuq l-attur u mhux kif allega l-konvenut.
c) Jidher li hu minnu illi meta l-konvenut kien ra l-vettura misjuqa minn Roderick Vella, din kienet pjuttost il-boghod u dwar dan il-Qorti hi tal-fehma illi, kieku l-istess Roderick Vella ma kienx qed jsuq b’velocita qawwija, fi kliema stess “… kont ghaddej naqra” din il-kollisjoni ma kienet issehh.
d) Difatti l-Qorti tara illi l-fattur determinandi ta’ din il-kollisjoni hi l-velocita qawwija li biha kien qed jsuq it-tifel tal-attur, liema velocita ingannat lill-konvenut meta dan iddecieda illi johrog minn fejn kien wieqaf fuq is-sinjal ta’ stop. Filfatt Roderick Vella ghandu jigi kunsiderat bhala “a main road abuser”.

Illi fid-dawl ta’ dak premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti anke f’livell ta’ kontributorjeta.

Ghal dawn il-motivi , l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------